MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Numru 570/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alfred Mallia)**
**(Spt. Mario Haber)**
**vs**
**Amrou Mohamed El Taieb Ibrahim Akwil**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Amrou Mohamed El Taieb Ibrahim Awkil** ta’ 19-il sena, bin Mohamed u Aida Ibrahim, ta’ nazzjonalita’ Palestinjana, imwieled fit-3 ta’ Lulju, 1986 u index numru 04UU05;

Talli gewwa l-Furjana nhar is-7 ta’ Gunju, 2006 ghall-habta tat-3.00p.m:

(1) attakajt jew ghamilt resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 210 Salvatore La Grasta, persuna inkarigata skond il-

ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jaggixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u ikkagunajtlu griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tieghu skond kif medikament iccertifikat min Dr. Myriam Camilleri MD Med. Reg. no. 2866 mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana

(2) talli fl-istess data, lok u hin ingurjajt jew heddied, jew ghamilt offiza fuq PC La Grasta, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

(3) talli nqast li tobdi l-ordnijiet leggittima tal-imsemmi ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel d-dmirijiet tieghu u izjed ma hallejtx jew b'mod iehor fixkilt lill-pulizija milli jaghmel d-dmirijiet taghhom.

(4) akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament ksirt il bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied jew mod iehor

(5) kif ukoll sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti hija gentilment miltuba biex tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-avukat generali fejn baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 95, 96, 221, 338(dd) (ee) , 49 u 50 tal-Kap 9 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammisjoni kwalifikata tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni tal-imputat isibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief

ghal hames akkuza.  Dwar din l-akkuza il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma resqitx provi sufficjeti u ghalhekk qed tilliberah minnha;

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 338(dd) u (ee) tal-Kap 9,

Minflok li tikkundannah qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 u dan wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kienx lest li joqghod taht kundizzjonijet f’kaz li jkun liberat u wiegeb fl-affermattiv;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------